C/2024/1207

26.1.2024

Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

(C/2024/1207)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni ta' Open Joint-Stock Company "NAFTAN" (Nru 31), Open Joint Stock Company 'Managing Company of Holding 'Belkommunmash" (Nru 34), Open Joint Stock Company 'MINSK ELECTRO-TECHNICAL PLANT NAMED AFTER V. I. KOZLOV' (Nru 36), entitajiet li jidhru fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK ([1]) u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 ([2]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

Il-Kunsill qed jipprevedi li jżomm il-miżuri restrittivi kontra l-entitajiet imsemmijin hawn fuq.

Dawk l-entitajiet huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu l-informazzjoni relatata maż-żamma tal-miżuri restrittivi, qabel it-2 ta' Frar 2024, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union
General Secretariat
RELEX.1 Horizontal and Global Affairs
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

([1]) ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.